**KONFERENZA STAMPA**

**IL-Kaċċa u l-Insib mid-Disgħajnijiet**

**24 ta' Settembru 2009 fil-11:00**

**Ir-Razzett L-Antik - Qormi**

**Joe Perici Calascione – PRO**

---

It-tradizzjonijiet soċjo-kulturali Maltin tal-kaċċa u l-insib bdew jitnaqqru sa mill-bidu tad-disgħajnijiet. Għalhekk f'dawk is-snin rajna l-projbizzjoni tal-kaċċa minn fuq opri tal-baħar fl-aqwa xahar tas-sena, dak ta' Marzu, u għall tlett snin sħaħ il-projbizzjoni tal-insib għall-għasafar tal-għana wkoll fix-xahar ta' Marzu. Saru wkoll liċenzji hekk imsejħa 'speċjali' għall-kaċċa fir-rebbiegħa.

Pero', ġara li l-kaċċaturi u n-nassaba mġarrbin, ingħaqdu bi ħġarhom fi ħdan il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (l-FKNK) u fl-1996 l-affarijiet reġgħu lura għan-normal kif kien xieraq.

Mal-bidu ta' dan is-seklu għaddejna minn perijodu ta' snin fejn il-verita' li konnha nxandru kienet tiġi mgiddba, kultant, anki minn sorsi uffiċjali lokali. Minkejja dan, saħansitra anki sa ftit taż-żmien ilhu xi kaċċaturi u aktar nassaba ta' spiss għajjru lill-uffiċjali tal-FKNK giddibin u xewwixa. Biżżejjed ngħidulkom li meta, mingħajr ebda konsultazzjoni ma ħadd, kien sar ftehiem sabiex jitwaqqfu l-liċenzji ġodda tal-insib fl-1 ta' Awissu 2002, ukoll ħadd ma emmina meta konnha għidna li din kien parti mil-proċedura biex eventwalment jispiċċa l-insib tradizzjonali minn pajjiżna.

Fl-2005 rajna il-projbizzjoni tal-kaċċa minn fuq opri tal-baħar mix-xahar ta' Frar. Hawn ta' min nispjegaw li dan ir-regolament mhux xi regola li timponi l-UE.

F'Marzu tal-2006 sar l-Avviż Legali 79, fejn apparti ħafna żbalji banali, sibna li staġjuni kemm tal-kaċċa kif ukoll tal-insib kienu neżistenti, u sottomessi *ad hoc* għad-deċiżjoni

tal-Kumitat Ornis biex jirrakkomanda, u wara l-Ministru responsabbli jiddiċiedi. Żdiedu l-pieni drastikament u mingħajr ebda kuxjenza soċjali, saru restrizzjonijiet fuq il-qisien tax-xbiek tal-għasafar tal-għana; mingħajr ebda risponsabbilta' versu l-periklu li jista' jsib ruħu fih xi ħadd fuq il-baħar aktar minn tlett kilometri mill-kosta, s-saħħa tal-mutur tal-baħar flimkien mal-qoxra li tkun, ma jistgħux ikunu jaraw aktar minn 18 il-kilometru fis-siegħa, u mitt regolament ieħor mingħajr raġjuni valida, bħal per eżempju li wieħed jista' jispara, joqtol, i~~n~~nittef, i~~s~~sajjar u jiekol gamiema, pero' ma jistgħax jibbalzma l-ġilda tal-istess għasfur. Regolamenti ambigwi li għadhom fis-seħħ sallum. Dawn ir-regolamenti saru biex suppost jiġu konformi mad-Direttiva tal-UE magħrufa bħala tal-"Għasafar". Pero' għandkhom tkunu wkoll informati li biss biss li fir-regolamenti tagħna ma jeżistux staġjuni fissi, kif għandhom fil-pajjiżi l-oħra kollha ta' l-Ewropa, hija kontravenzjoni tal-istess Direttiva, apparti li l-emendi l-oħra li kienu saru b'dan l-Avviż Legali fl-2006 m'humiex regoli li timponi l-UE.

Fl-2007 tkompliet il-kampanja kontra l-kaċċaturi u n-nassaba, meta ġie abolit għal kollox l-insib mix-xhur ta' Frar u Marzu, kif ukoll l-ewwel tnaqqas l-istaġjun tal-kaċċa tar-rebbiegħa b'16 il-ġurnata billi tressaq il-ftuħ mill-25 ta' Marzu għall-10 ta' April, imbagħad wara reġgħu nqatgħu 10 tijiem oħra minn dak l-istaġjun meta kien ġie mpost kastig kollettiv u ngħalaq l-istaġjun tal-kaċċa fl-10 ta' Mejju flok fl-20 kif kellu jingħalaq, peress li kien intqal li fid-9 ta' Mejju 2007 kien sar massakru mill-kaċċaturi fuq tajr tal-priża, massakru li sal-ġurnata ta' llum għad la nġiebet l-iċken prova jew ritratt ta' mank tajra waħda mmassakrata, u lanqas biss tressqet persuna waħda l-Qorti mixlija bl-allegat massakru. Fl-2007 wkoll rajna l-ewwel minn sensiela ta' kastigi kollettivi oħra, meta u kontra l-parir tal-Kumitat Ornis il-Ministru waqqaf il-kaċċa fl-aħħar ħmistax ta' Settembru minn wara t-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Fl-2007, bi żvista, ntenzjonata jew le, ma nfetaħx l-istaġjun għall-insib tal-pluvieri u mlievez fil-ħarifa tal-2007, għalhekk hawn niġbdu l-attenzjoni ta' min kien sikwiet jgħid fil-pubbliku, li muhiex minnu li dejjem fetaħ dan l-istaġun tal-insib. M'hemx għalfejn inżidu li dawn aktar restrizzjonijet li saru fl-2007, m'humiex minhabba xi regola li timponi l-UE.

Fl-2008 rajna li għall-ewwel darba fl-istorja ta' gżiritna, nġustament ma infetaħx l-istaġjun tradizzjonali tal-kaċċa tar-rebbiegħa, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Ewropa imponiet fuq Malta miżuri temporanji għal dik is-sena biss, sakemm tiddeċiedi l-Kawża fejn il-Kummissjoni Ewropea kienet qegħda tallega li Malta ma applikatx deroga b'mod korrett għas-snin 2004, 2005, 2006 u 2007 biex ippermettiet il-kaċċa fir-rebbiegħa. Settembru ta' l-istess sena 2008 erġajna soffrejna l-istess kastig kollettiv bħal Settembru tas-sena ta' qabel, u din id-darba wkoll dan sar kontra rakkomandazzjoni kuntrarja tal-Kumitat Ornis. Fl-2008 wkoll sar tnaqqis mill-istaġuni tal-insib kemm tal-gamiem, summien, pluvieri u mlievez, kif ukoll minn dak tal-għasafar ta' l-għana fil-ħarifa. Ta' Settembru, kif ukoll tar-rebbiegħa qegħdin isiru sabiex ikunu akkomodati l-BirdLife Malta u hekk imsejħa ambjentalisti oħra, sabiex dawn iġibu fostna barranin sabiex dawn jkunu

liberi joqgħodu jilgħabuha ta' spiji u pulizija fl-artijiet tal-kaċċaturi u n-nassaba, bil-ġhan aħħari ddikjarat mill-BirdLife nfushom li jkeċċuna mill-kampanja ta' art tweliedna. Il-Kawża fil-Qorti tal-Ewropa kienet ukoll instigata mill-BirdLife.

Niġu issa għal din is-sena fejn rajna li minkejja li din is-sena ma kienx hemm impediment mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Kommunita' Ewropeja, xorta reġgħa ma nfetaħx l-istaġjun tradizzjonali tal-kaċċa tar-rebbiegħa.

Din is-sena wkoll tista' tfisser l-ewwel sena fl-istorja li mhux ser ikun permess l-insib għall-għasafar tal-għana fil-ħarifa u x-xitwa, passjoni u namra oħra tradizzjonali li tifforma parti sostanzjali mill-ħajja ta' kuljum tan-nassaba Maltin u Għawdxin. Hawn ħa nurukom biss silta żgħira meta l-Ministru tal-Affarijiet Barranin, Dr. Joe Borg, illum Kummissarju ta' Malta fl-UE kien pubblikament iggarantixxa li dan l-insib għall-għasafar tal-għana ma kellux jispiċċa ma' l-aħħar tal-2008.

*Clip*

Għat-tielet Settembru, kif ukoll għat-tielet darba kontra r-rakkommandazzjoni tal-Kumitat Ornis, din is-sena ser jerġa jiġi mpost l-kastig kollettiv biex jerġgħu jkunu akkommodati ftit barranin estremisti, pero' din is-sena l-Gvern offra li f'post wieħed, jekk isir qbil magħna, il-kastig ma jiġix impost. Dan aħna assolutament irrifjutajnih. Aħna ma nemmnux bil-ftit preferuti. Jew kullħadd jew ħadd! Din is-sena wkoll rajna l-invenzjoni tas-site plans u il-qies tal-malji tax-xbiek li jintużaw minn-nassaba tal-gamiem, summien, imlievez u pluvieri; kollha idejat ġodda li ġejjin minn pajjiżna u b'ebda pressjoni minn xi sors Ewropew.

Sinjuri, aħna ma qagħdniex ngħidu dawn il-fatti tul is-snin għal benefiċju tal-kaċċaturi u n-nassaba biss, dawk jafu sew minn x'hiex għaddew u għadhom għaddejin, pero' sabiex ikun jaf il-pubbliku nġenerali, u mhux meta toħroġ xi headline fl-aħbarijiet li ser jinfetaħ xi staġjun tal-kaċċa, xi ħaġa li jsir ġewwa Malta biss din tal-headline, *Only in Malta*, issib minn jgħidlek, "Qed tara kif se jtikhom xi ħaġa!". Aħna QATT ma ħadna XEJN tul dawn is-snin, imma dejjem ħadulna u dan apparti li qegħdin niġu ttrattati ta' Ċittadini tat-tieni klassi fl-Ewropa meta mqabbla ma' kaċċaturi u nassaba oħra ukoll ċittadini tal-UE.

Forsi hawn min jgħid, għal fejn qegħdin tgħidu dan il-kliem? Dan qegħdin ngħiduh meta naraw li s-sitta u għoxrin pajjiz l-ieħor, ukoll Membri tal-UE, japplikaw mal-erbgħa t'elef deroga fis-sena bejnithom sabiex uħud minnhom jippermettu anki li ssir kaċċa fir-rebbiegħa kif ukoll insib għall-għasafar ta' l-għana. Aħna lanqas konnha kapaċi napplikaw deroga waħda biss b'mod korett biex ikun permess li jsir kaċċa tradizzjonali tal-Maltin fir-rebbiegħa, jew deroga waħda oħra biss biex ma jiġix abolit l-insib tradizzjonali tal-għasafar tal-għana. Fid-dokumenti li ser intukhom għandkom wieħed imsejjaħ '*Derogations Reporting Article 9*' miġbur mill-WebSite tal-Kummissjoni fejn

għandkhom id-dettalji kollha dwar id-derogi li ġew applikati mill-pajjiżi kollha għas-snin 2005 u 2006. Dan qed jingħad ukoll minħabba l-fatt li minkejja kull ma ġara, l-FKNK dejjem baqgħet hemm lesta biex tiddefendi b'kull mezz legali għad-dispożizzjoni tagħha d-drittijiet tal-membri tagħha. Baqgħet hemm toffri kull tip ta' għajnuna esperta u professjonali lil kull min kien lest jilqagħha. Baqgħet hemm tagħti l-pariri siewja tagħha sabiex jintlaħaq dak il-bilanċ li huwa tant importanti għall-pajjiż żgħir bhal tagħna sabiex qatt ma ninsew l-eruq tagħna, anzi nsaħħuhom sabiex nevolvu b'mod li nilqgħu dak li joffri l-progress odjern, filwaqt li ngħożżu t-tradizzjonijiet soċjo-kulturali li fassluna f'dak li aħna 'llum. Eżempju ta' dan wieħed jista' jarah b'mod ċar fid-difiża tal-kawża li l-kawża li fetħet il-Kummissjoni Ewropejakontra Malta meta għall-ewwel darba, l-Gvern involvinha mill-bidu u r-riżultat illum jafu kulħadd – dwar dan, ser nidħol aktar fid-dettall minn hawn u ftit ieħor.

Fil-kamp politiku kienet għada, sa ftit ilhu, teżisti biża ta' telf ta' xi voti ta' l'hekk imsejħa ambjentalisti, pero' fl-opinjoni tagħna dawn il-voti qatt ma kellhom xi effett f'xi elezzjoni, kieku xi darba kellhom effett allura nies bħal Dr. Harry Vassallo, Dr. Arnold Cassola jew is-Sur Saviour Balzan, misshom ilhom fil-Parlament Malti mill-inqas għal dawn l-aħħar ħmistax il-sena. Prova ta' dan kienet ukoll l-aħħar Elezzjoni ta' Ġunju tal-Ewroparlamentari, fejn rajna li żewġ kontestanti magħrufin għat-twemmin tagħhom kontra l-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin, wieħed kull wieħed miż-żewġ Partiti l-kbar, kienu l-inqas li ġabru voti, tant li kienu l-ewwel li waqgħu. L-Alternattiva Demokratika ma setgħetx tmur agħar u f'Ottubru naraw x'ser isir minnhom.

Pero' din l-istess Elezzjoni fissret ukoll li l-kaċċaturi u n-nassaba reġgħu nġabru b'ħġarhom wara l-FKNK kif kien ġara fl-1996 kif għidna fil-bidu ta' din il-Konferenza, u dan jirriżulta minn Survey li kkummissjonat l-istess FKNK, u li d-dettalji tar-riżultati ser jgħatihom issa s-Segretarju tagħna s-Sur Lino Farrugia. Dan ġara wkoll minħabba l-fatt li issa iktar minn qatt qabel, ebda kaċċatur u ebda nassab Malti u Għawdxi ma jista' jsib ħajt ta' kemm minn ħadd għax issa il-verita' li dejjem stqarret il-Federazzjoni twettqet bil-fatti – mill bidu sa l-aħħar. Ir-riżultati tas-Survey jinsabu wkoll fid-dokumenti li ser ngħaddulkom.

*Lino Farrugia*

92% tal-kaċċaturi u n-nassaba li vvutaw fl-aħħar Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew imxew fuq id-direzzjoni mghotija mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK).

Din l-evidenza ħarġet minn analiżi ta' "survey" ikkummissjonat mill-FKNK. Hawn ser jingħataw aktar statistiċi mir-riżultati tal-istess "survey".

Minn numru ta' membri tal-FKNK li kienu mitluba jirrispondu għas-"survey" bil-posta normali, 5% ġew lura mill-Uffiċċju Postali, 22% irrispondew imma 5% minnhom kienu

invalidi. Dan l-ammont ta' risposti kien inkoraġġanti ħafna meta wieħed iżomm f'moħħu n-natura delikata tal-mistoqsijiet, u saħansitra jikkonferma il-validita' tar-riżultat.

5% mir-risposti ircevuti qalu li ħassru l-vot bi protesta minħabba l-mod kif kwistjonijiet dwar kaċċa u nsib qed jiġu ttratati, filwaqt li 11% qalu li ma vvutawx minħabba l-istess raġunijiet.

5% mir-risposti ircevuti qalu li vvutaw għal PN, filwaqt li 3% vvutaw għal Partiti żgħar jew Individwali, 1% vvutaw għal AN u 0.38% għal Alternattiva Demokratika. Minbarra għal dawk li vvutaw għal PN, il-voti kienu mitfugħin għal aktar minn Partit wieħed jew individwu. Il-PL, ħa 68% tal-voti.

2% tar-risposti li ivvutaw taw in-numru 1 lil Simon Busuttil (PN), filwaqt li 1% tawh lil Glenn Beddingfield (PL), lil David Casa (PN) u lil Kirill Micallef Stafrace. 0.26% taw in-numru wieħed lil Claudette Abela Baldacchino (PL), lil Alex Perici Calascione (PN) u lil Norman Lowell (IE).

Min dawk li imxew fuq id-direzzjoni tal-FKNK, 2% taw in-numru 1 lil Joseph Cuschieri (PL) u lil Marlene Mizzi (PL). 5% tawh lil Edward Scicluna (PL), filwaqt li 6% tawh lil Louis Grech (PL). Daqs 16% tal-kaċċaturi u n-nassaba li imxew fuq id-direzzjoni tal-FKNK taw l-ewwel vot tagħhom lil Sharon Ellul-Bonici (PL), u maġġoranza kbira ta' 70% taw l-ewwel vot tagħhom lil John Attard Montalto (PL).

*Ikompli Joe Perici Calascione*

Niġu issa għas-sitwazzjoni tal-preżent ukoll issa li nafu bil-verdett tal-Qorti tal-Ewropa u naraw ukoll x'jmiss.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Ewropa għarfet il-verita' u iddeċidiet skond tali verita', din kienet rebħa morali għal Malta li turi l-verita' filwaqt li tidentifika l-kriterji għall-applikazzjoni ta' deroga b'mod korret taħt Art 9 tad-Direttiva ta' l-"Għasafar". Dawn kienu ukoll rimarki li intqalu meta jien u Joe konna Brussell biex ipparteċipajna fl-Assembleja Ġenerali tal-FACE l-għada tal-verdett, f'liema Assembleja jipparteċipaw 36 pajjiż.

L-Avvukat Ġenerali ta' Malta, Dr. Silvio Camilleri kien assistit mill-avvukat Belgian, Dr. Jan Bouckaert, u min wieħed mill-avvukati tal-FKNK, Dr. Alex Perici Calascione, liema żewġ avvukati kienu appuntati mill-Gvern Malti, fid-difiża tal-Kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Kommunitajiet Ewropej li l-Kummissjoni Ewropeja kienet intavolat kontra Malta fir-rigward tal-kaċċa fir-rebbiegħa. Għal darb'oħra, l-FKNK tixtieq tirringrazzja lill-Avvukat Ġenerali għall-involviment tiegħu personali b'mod hekk professjonali fl-aspetti kollha tad-difiża ta' Malta, kif ukoll lill-avvukati l-oħra ta' l-impenn tagħhom.

F'isem l-FKNK irrid ukoll nirringrazzja l-Gvern Malti tal-perseverenza, l-impenn u l-investiment tiegħu fid-difiża, l-istess Gvern li issa għandu mhux biss dover morali, iżda

ukoll obligu li jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tal-2010, anki peress li dejjem iddikjara li ser jirrispetta il-verdett tal-Qorti, liema verdett mingħajr tlaqlieq aċetta l-verita' tal-fatt li l-kaċċa tal-ħarifa għal gamiem u summien ma toffrix alternativa u soluzzjoni sodisfaċenti għall-kaċċa ta' l-istess speċi fir-rebbiegħa.

Din ma kienitx rebħa biss għall-Malta iżda għall-Istati Membri l-oħra kollha. Il-Qorti ħarġet sentenza kawta bbażata fuq interprezzjoni legali fil-fond tad-Direttiva li tidentifika ċirkostanzi ndividwali u speċifiċi għall-applikazzjoni ta' Artiklu 9 għad-derogazzjonijiet minflok ħarsa ġenerali li tkopri lil kulħadd.

Dr. Gilbert de Turckhiem, il-President tal-FACE li reġa ġie elett għat-tlett snin li jmiss waqt l-Assembleja, ferħilna talli qatt ma ċedejna b'persistenza determinata milli nittrażmettu l-verita' li wasslet għal dan il-verdett storiku. Aħna irringrazzjajna lill-FACE mhux biss għal għajnuna f'din il-Kawża, iżda għal għajnuna kontinwa f'dawn l-aħħar 22 sena.

L-FKNK tilqa' wkoll bħala pożittiva l-istqarrija tal-Gvern fejn intqal li l-istess Gvern qiegħed jistudja l-possibbilita' ta' ftuħ ta' staġjun limitat għall-kaċċa tal-gamiema u s-summiena għar-rebbiegħa tal-2010. L-FKNK għalhekk tispera li hi tkun involuta mill-bidu f'dan l-istudju hekk kif kienet ġiet involuta mill-bidu fid-difiża tal-Kawża li wassal biex l-verita' tiġi aċċettata mill-Qorti. Meta l-pariri esperti ta' l-FKNK kienu ġew imwarba biex il-Gvern qagħad fuq il-pariri ta' nies bħal Saviour Balzan fl-istadju l-aktar kruċjali tan-negozjati ta' Malta ma l-UE, u fuq pariri oħra ta' Joe Sultana fl-applikazzjoni ta' derogi u fit-tfassil ta' l-Avviż Legali 79 ta' l-2006, liema leġislazzjoni suppost kellha tinkorpora d-Direttiva ta' "l-Għasafar" ta' l-UE fil-leġislazzjoni ta' Malta, dawn ġabu biss riżultati negattivi u ħsara għal Malta.

L-FKNK tapella lill-BirdLife Malta sabiex tirrispetta l-verdett, kif stqarru u appellaw li ħaddieħor ukoll għandu jagħmel, ġurnata qabel il-FACE u l-BirdLife International fi stqarrija konġunta. Oltre hekk l-FKNK sinċerament tispera li l-BirdLife Malta issa terġa lura għall-prinċipji li kienet tħaddan hekk kif Malta ġiet aċċetata Membru tal-UE, kif kienet stqarret waqt konferenza stampa f'Ottubru tal-2003, meta kienet ħeġġet lill-Gvern biex jillimita l-kaċċa fir-rebbiegħa għal biss żewġ speċi. L-FKNK terġa tistieden lill-BirdLife Malta biex tikkolabora b'mod serju u kostruttiv minflok li terġa tirrikori għal tattiċi ta' misrappreżentazzjoni tal-fatti jew saħansitra għal tgħawwiġ tal- verita'. Dan hu l-uniku mod sabiex l-prinċipji ta' konservazzjoni jistgħu jitwettqu fl-aħjar interess ta' l-għasafar u tan-natura.

Fl-aħħar, l-FKNK twissi mingħajr tlaqlieq lill-kaċċaturi u lin-nassaba li, issa aktar minn qatt qabel, hija ser taddotta miżuri ta' ebda tolleranza ma kwalunkwa membru tagħha li jista' jippersisti b'xi atti 'llegali ta' kaċċa. L-FKNK m'hi ser taċċetta xejn li jista' qatt jerġa ipoġġi f'xi periklu t-tradizzjoni Maltija tan-namra soċjo-kulturali tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

Irridu ukoll napellaw lit-tlett għaqdiet oħra tal-kaċċaturi u n-nassaba biex huma ukoll jaddottaw tali miżuri ta' ebda tollerenza mall-membri tagħhom, u qatt ma jilqgħu fi ħdanhom lil xi kaċċatur li jista' jkun ġie mkeċċi minn xi għaqda oħra jew mill-FKNK.

April li għadda meta kif għidna kellna nsofru t-tieni sena fl-istorja meta t-tradizzjoni tal-kaċċa fir-rebbiegħa kienet sospiża, rajna li b'konsegwenża tas-sospenzjoni saru erba' suiċidji. (*minute of* silence). Ma kelniex għalfejn naslu s'hawn, ma kellhomx jitilfu ħajjithom nies minħabba li ġew imċaħdin minn parti ntegrali mill-ħajja ta' kulljum tagħhom. Lil dawn u lil ħafna oħra ma tħallilhomx skop għal xiex jgħixu, fuq xiex joħolmu, fejn isserħu l-menti. Qegħdin jittraskuraw x-xogħol, l-familja u l-ħbieb. Ħafna minnhom jinsabu fuq kalmanti u oħrajn qegħdin ibgħatu minn divsersi tipi ta' disordni psikoloġiku, eċċ.

Madankollu f'April li għadda wkoll l-FKNK bdiet ħidma fuq soluzzjonijiet sodisfaċenti għal kulħadd. Għall-Kummissjoni, għall-Gvern Malti, għall-kaċċaturi u nassaba u għall-għasafar tal-passa.

B'hekk sar dokument sabiex naslu għas-soluzzjonijiet għal kaċċa tar-rebbiegħa u għal insib tal-għasafar tal-għana, liema dokument li hu bbażat fuq hekk bl-Ingliż imsejħa 'compensatory measures' kien ippreżentat lil Kap tal-Oppożizzjoni u lil Prim Ministru.

Mal-Oppożizzjoni sar ftehim li jssir working group magħna sabiex jiġi studjat bir-reqqa dan id-dokument biex eventwalment jkunu jistgħu jiġu fis-seħħ il-proposti tagħna.

Ftit tal-ġimgħat ilhu kellna laqgħa ma' uffiċjali mill-Uffiċju tal-Prim Ministru, ma' uffiċjali għolja mill-Korp tal-Pulizija, ma' uffiċjali mill-MEPA u maċ-Chairman tal-Park tax-Xahra l-Ħamra.

Wara li ċ-ċarajna l-invenzjoni tas-site plans u l-qis tal-malji, għamilniha ċara li fl-opinjoni tagħna, apparti li kienx qegħdin jiġu osservati l-provvedimenti ta' l-Avviż Legali li kien ħareġ fejn hemm ikkontemplat it-twaqqif tal-liċenzji ġodda tal-insib, peress li dawn kellhom jerġgħu jibdew jinħarġu sa mis-sena l-oħra, issa qegħda wkoll issir diskriminazzjoni mal-kaċċaturi li jistgħu jisparaw u joqtlu gamiema, summiena, pluviera u malvizz, imma ma jistgħux iġibu liċenzja biex lil dawn l-istess speċi ikunu jistgħu jonsbu għalihom u jaqbduhom ħajjin. Komplejna li fl-opinjoni tagħna m'hemmx għalfejn tiġi applikata Deroga biex ikun permess dan l-insib, kif wara kollox ma kienitx applikata tali Deroga fis-snin 2005 u 2006 żgur, u dan peress li huwa l-Istat Membru li jagħżel il-metodi ta' kif jittieħdu mis-selvaġġ l-għasafar li jinsabu fuq Anness II tad-Direttiva tal-Għasafar, jiġifieri dawk kaċċabli.

Komplejna billi staqsejna x'inhu r-riżultat ta-istudju ndipendenti li kkummissjona l-Gvern rigward il-passes tar-rebbiegħa u l-ħarifa tal-gamiem u s-summien. Staqsejna wkoll rigward il-proċedura sabiex jiġu detailed jew seconded membri minn tagħna f'ċertu

dipartimenti tal-Gvern kif ilhom u għadhom preżenti sal-ġurnata ta' llum membri tal-BirdLife Malta. Għadna bla risposti konkreti sallum.

Kif diġa għidt qabel meta ġejna biex niddiskutu sabiex il-kastig kollettiv ta' Settembru wara nofsinhar, ma jiġix applikat f'area partikolari waħda biss, aħna minnufih irrifjutajna li noħolqu xi membri preferuti jew xi tip ta' konflit bejn l-istess membri tagħna. Għal darb'oħra, jew kulħadd jew ħadd.

Meta ġejna biex niddiskutu x-Xahra l-Ħamra, sirna nafu bl-aktar mod unilaterali li ma ħalla ebda lok ta' xi tip ta' diskussjoni kostruttiva miċ-Chairman tal-Bord, is-Sur Ian Castaldi Paris li d-deċiżjoni kienet ittieħdet u kemm il-kaċċa kif ukoll l-insib irridu jieqfu fid-09:00. Fis-17 ta' dan ix-xagħar kellna laqgħa mal-Ministru George Pullicino u mas-Sur Castaldi Paris, fejn rigward ix-Xahra l-Ħamra erġajna sibna l-bieb magħluq. Madanakollu aħna m'aħniex ser naqtgħu qalbna rigward din is-sitwazzjoni u peress li xorta nħossu d-dover li għandna versu l-membri tagħna li dejjem ikkaċċjaw u nasbu f'dawk l-inħawi, mijjiet ta' kaċċaturi u nassaba, kollha 'stakeholders', 'interested parties' u 'land users' tal-post, ser xorta inresqu l-proposti tagħna rigward kif dawn in-nies li aħna organizzajna taħt sotto-kumitat jistgħu mhux biss ikomplu jgawdu l-kaċċa u l-insib fl-inħawi b'mod aktar xieraq, iżda aktar minn hekk jikkontribwixxu versu l-konservazzjoni tal-ambjent naturali fil-post. U hawn nerġgħu nappellaw lill-istess Ministru Pullicino sabiex jagħti każ bir-reqqa tal-proposti serji u kkonsiderati li ser inressqulhu u sabiex jieħu deċiżjoni mqiesa u bilanċajta.

Aħna ma irridux li b'dan l-aġir jinħoloq xi peċedent li żgur ser ikollhu riperkussjonijiet serji fil-futur.

Meta ddiskutejna fid-dettal żewġ dokumenti li konnha fassalna mid-dokument oriġinali tal-'compensatory measures' sar qbil li jsiru żewġ applikazzjonijiet għal żewġ progetti mill-programmi tal-UE tal-Life+. Il-Gvern qabel li jappoġja kif ukoll jikkontribwixxi għaż-żewġ proġetti, u għalhekk u peress li aħna tal-fehma li dawn jistgħu wkoll jwasslu biex it-tradizzjonijiet socjo-kulturali tal-passjonijiet tagħna tal-kaċċa fir-rebbiegħa ikunu aktar faċilment possibli, u dawk tal-insib tal-għasafar tal-għana ma jintilfux darba għal dejjem, aħna ħdimna flimkien mal-kumpanija professjonali li ġiet ikkumissjonata biex tħejji l-applikazzjonijet, tista' tigħid lejl u nhar sabiex ilħaqna d-"deadline" tal-applikazzjonijiet li kienet il-ħmistax ta' dan ix-xahar.

Fl-aħħar nett irrid nerġa nindirizza lill-membri, billi infehmhom li jekk dawn l-applikazzjonijiet jiġu aċċettati, dawn ser jiswew ħafna u ħafna flus, li apparti l-flus li jista' jikkontribwixxi l-program tal-Life+ u dawk li jista' jkollna minn sorsi oħra, ser xorta jiswa lill-Federazzjoni ħafna flus li mhux ser inkunu f'pożizzjoni li nilħqu mingħajr kontribut minn għand l-istess membri, li wara kollox ser ikunu huma li jistgħu jgawdu minn dawn il-proġetti. Għalhekk dawk il-membri li m'humiex lesti jikkontribwixxu mis-sena d-dieħla

stess u biss f'każ li l-proġetti jiġu milquha, jistgħu kważi jinsew li qatt jistgħu xi darba jerġu joħorġu għal kaċċa fir-rebbiegħa b'aktar serħan tal-moħħ, jew xi darba qatt jerġgħu jonsbu għal għasafar tal-għana.

Nirringrazzjakhom.